# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1152

KAZ NRU. 1250

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jean Pierre Saliba

u

Dragonara Resort Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 9 ta' Novembru, 2000

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 29 ta' Mejju 1999, b'referenza MHS/TI/47/98 biex dan it-Tribunal jiddeciedi dwar allegata tkeccija ngusta skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266) tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Jean Pierre Saliba kien assistit mill-avukat Ian Spiteri Bailey , waqt li l-kumpanija ntimata kienet assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-istatement of case tieghu l-appellant iddikjara li kien gie mpjegat bhala Front Office Manager fir-Rooms Division tal-Lukanda Westin Dragonara minn Dicembru, 1996 jigifieri ftit

xhur qabel il-ftuh tal-Lukanda. Mill-bidu nett ta' l-impjieg tieghu kellu jorganizza u jifforma dan id-dipartiment.

F'Awissu 1997 gie mibghut il-Germanja ghal xahar biex igib zewg lukandi ghall-Westin Standards u f'Novembru, 1997 rega' ntbaghat ghall-Inspection Visit.

Fl-ahhar ta' Novembru ta' l-istess sena, il-General Manager Mr. MkNish baghad ghalih fl-ufficcju tieghu u uza kliem iebez fil-konfront tieghu. Wara li rritorna minn hmistax btata, nehhewlu mir-responsabbilitajiet tieghu, is-Security Department u l-Housekeeping minghajr ebda avviz u spjegazzjoni.

F'Dicembru, 1997 l-appellant tkellem ma' Ms Josephine Abdilla, il-Human Resources Manager tal-Westin Dragonara li qaltlu li kienet qeghda tagixxi bhala "mediator" u nfurmatu li se jkun hemm xi tibdil minhabba fih, u li jkollu jaccetta inqas flus jew inkella se jkun hemm xi hadd fuqu u li ir-"relationship between you and management will not be as it should be".

Skond l-appellant hi ma riedet ittih xejn bil-miktub, kellem ukoll lil Ms De Chantal li kienet Director of Human Resources fil-Head Office li apologizzat f'isem il-Weston imma qaltlu li "the new position is a business decision and not concerning you".

Fi Frar, 1998 bdew il-memos u l-warnings rigward l-operat tieghu skond id-dokumenti prezentati bhal dawk immarkati B u D Dok. 9 prezentat juri l-avviz intern ghal Director of Rooms li jinkorpora r-reponsabbilitajiet tieghu.

Min-naha taghha l-kumpanija qeghda tiddikjara li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex l-appellant gie mwaqqaf mill-impjieg tieghu wara riorganizzazzjoni li wasslet ghal kariga ta' l-appellant tigi abolita.

Il-kumpanija spjegat li l-appellant kien jokkupa l-kariga ta' Front Office Manager li kien jaqa' taht l-Operations Director u li wara ir-riorganizzazzjoni giet introdotta l-kariga ta' Director of Rooms, liema kariga tirraporta direttament lill-General Manager u ghandha responsabbiltajiet differenti minn dawk ta' Front Office Manager.

Ghaldaqstant il-kumpanija tissottometti li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret bhala konsegwenza ta' "redundancy".

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal irid jikkonsidra dan il-kaz jekk kienx wiehed ta' abbolizzjoni tal-post jew tkeccija u jekk tkeccija, mhux minhabba kaz ta' abolizzjoni tal-post, kienetx ghal raguni valida jew le.

Biex wiehed jasal ghal qofol tal-kaz nibdew biex nezaminaw il-pozizzjoni ta' l-appellant fil-gerarkija tal-kumpanija.

Il-pozizzjoni tieghu kienet dik ta' Front Office Manager li jirraporta lill-Operations Manager. L-istatus tieghu kien dak ta' line management wara strutturazzjoni fl-istess kumpanija il-post ta' Front Office Manager gie inkorporat f'dak ta' Director of Rooms Division li jirraporta direttament lill-General Manager u l-istatus tieghu huwa ta' Senior Management u parti tal-Leadership Team.

Hawnhekk, it-Tribunal Industrjali jinnota li kemm-il darba stqarr kemm prezenti u kemm diversament presjedut li Socjeta' jew azjenda ghandha d-dritt li tirristruttura ruhha biex tipprotegi l-investiment taghha, biex tiddiversifika, biex tipprotegi l-impjiegi. Ghalhekk ghandha dritt ghal raguni valida li tabolixxi xi post tax-xoghol.

L-appellant sahaq li din ir-ristrutturazzjoni saret specifikament biex jitwarrab l-appellant u allura ma saritx fil-parametri tal-ligi u li frott taghha, l-appellant intlaqat hazin.

Hawnhekk it-Tribunal ghandu quddiemu stqarrijiet u dokumenti miz-zewg partijiet li jwasslu ghall-fehma li kien hemm riorganizzazzjoni fil-kumpanija izda l-appellant isostni li kienet wahda kosmetika biex il-kumpanija twarrbu.

L-opinjoni tat-Tribunal wara li stharrget stqarrijiet u xhieda taz-zewg partijiet, hi li dan huwa kaz ta' *abolishment of post* li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant.

It-Tribunal huwa sodisfatt li ir-riorganizzazzjoni ma kinitx wahda artificjali kif gie stabbilit il-fatt li wara ir-ristrutturazzjoni, id-Director of Rooms huwa responsabbli direttament lejn il-General Manager u li l-istatus huwa oghla ghal dak li kellu l-appellant.

Il-fatt li l-appellant applika ghal post il-gdid u minhabba xi ragunijiet ma setax jattendi ghal interview mhux se jittiehed bhala approvazzjoni min-naha ta' appellant ghal post il-gdid.

**DECIZJONI**

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni kienet rizultat ta' abolishment of post, u ghalhekk it-terminazzjoni ma saritx ghal raguni mhux korretta jew valida.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

---------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**